**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Gunju, 2024**

**Rikors Revoka Nru: 219/2024 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 234/2024 u fl-istess ismijiet

**Indis Malta Limited (C-28965)**

**vs**

**Metalfit Company Limited (C-3611)**

**David Bonello**

**u**

**A. E. Logistics Limited (C-54045)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Metalfit Company Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, hija talbet lil din il-Qorti:

1. Tirrevoka, thassar u tikkancella "*in toto od in parte*" l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 234/2024 ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjetà sekwestranta sabiex hija thallas lis-socjetà esponenti sekwestrata s-somma ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u mhux aktar minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6988.12) bhala penali u dan a tenur tal-Artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' INDIS MALTA Limited, li permezz taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra, hija ssottomettiet li t-talbiet ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, s-socjetà Metalfit qed titlob lil din il-Qorti thassar mandat kawtelatorju mahrug fil-konfront taghha minn INDIS MALTA Limited sabiex din tal-ahhar tqieghed fis-sod pretensjoni taghha ghall-kumpens ta' arrikkiment in debitu fuq proprjetà tal-Gvern, cioè fabbrika, u kumpens ghall-okkupazzjoni bla titolu tal-istess fabbrika.

Metalfit issejjes it-talba taghha fuq il-provvedimenti tal-Art. 836(1)(b) u/jew 1(d) u/jew 1(f) tal-Kap. 12 li jipprovdu testwalment ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju,

> *"(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
>
> *...*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> ...
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti tibda billi tenfasizza li kull ezami li taghmel f'din il-procedura jibqa' dejjem limitat ghal dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn, bl-iskrutinju profond jibqa' rizervat ghall-Qorti fil-kawza fil-mertu.  Ghalhekk il-Qorti tiddikjara minnufih li l-kwistjoni jekk Metalfit tgawdix xi forma ta' titolu fuq il-fabbrika tezorbita mill-parametri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll ghaldaqstant il-kwistjoni jekk hux arrikkiment indebitu jew le.

Fil-kaz in ezami, jidher illi Metalfit ilha tokkupa fabbrika fil-Qasam Industrijali ta' H'Attard (ghalhekk proprjetà pubblika) mill-1976, meta nharget lilha "*letter of intent*".  Kuntratt formali qatt ma jirrizulta li gie ffirmat però tul is-snin thallset il-kera skond l-istess *letter of intent*.  Jidher però illi hlas ilu snin ma jsir, u Metalfit qed tippermetti lil terzi joperaw mill-fabbrika. Ta' dan kollu, INDIS qed tippretendi kumpens ta' miljun Ewro.

Dwar principji li jirregolaw l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru, l-Qorti tirreferi ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta l-atti tal-mandat fl-ismijiet Buhagiar vs Axisa et (9 ta' Gunju 2022) u l-gurisprudenza hemm citata.

Prospett dettaljat ta' kif waslet ghal din ic-cifra ta' miljun Ewro, INDIS ma ressqitx. Madanakollu, l-Qorti tinnota illi mhuwiex kontestat illi Metalfit ilha snin ma thallas xi forma ta' kumpens. Jidher illi anki bir-rati tal-1976 hemm bilanc ta' hlasijiet pendenti ta' terz ta' miljun. Lanqas ma huma kontestati d-diversi arrangamenti li dahlet fihom Metalfit tramite rapprezentant taghha dwar uzu estensiv tal-proprjetà, u dan versu hlas ta' rati kummercjali.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-fehma li c-cifra ta' miljun Ewro ma tidhirx ghal kollox maqtugha mir-realtà. Il-Qorti b'hekk tqis li Metalfit m'ghandhiex ragun tinvoka l-Art. 836(1)(d).

Lanqas m'ghandha ragun Metalfit tinvoka l-Art. 836(1)(f). Dejjem kif jidher mad-daqqa t'ghajn, il-Qorti ma ssib xejn irragonevoli fil-mandat. Kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Qorti fil-kawza fil-mertu li ser taqta' jekk u kemm ghandhiex thallas Metalfit lil INDIS. Li jidher sa issa hu li hija qed tokkupa proprjetà pubblika, ma thallasx kumpens u taghmel negozju mill-istess proprjetà.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha ta' Metalfit Company Limited.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF